MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Numru. 516/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerrri)**

**vs**

**Burak Yavuz Sesgir ta' 20 sena, iben Kemal u Nalan xebba Barlas, imwieled f'Izmir, Turkija nhar l-20/02/1992 u temporanjament residenti gewwa fond, 'Bellmont Hieghts', Blk C/2, St. Ignatius Street, Sliema detentur ta' passaport Tork bin-nru: U 04534354**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li giet akkuza talli nhar it-13 ta' Mejju, 2012 ghal habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu, inn gewwa 'Hugos Bar' sitwat fi Triq San Gorg f'San Giljan,

Ikkommetta serq ta' handbag, mobile phone, cwievet u karta ta' identita, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin ghad-detriment ta' Audrey Calleja, u dan bi ksur ta' artikoli 261(f), 281(Ia) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar sar recidiv b'sentenza tal-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali nadifa tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(f) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal smen sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------